KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 66**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Skużat:

Joseph Buttigieg - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 66.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

66.1.1 Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ talab sabiex ikun skużat, pero xorta ngħaqad magħna permess ta' *videoconferencing.*

## 66.2 Tibdil fl-attivita' relatata ma Skema għall-Attivita Kulturali Annwali 2022.

66.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat lill-membri illi l-kunsill ġie notifikat permess ta' imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li hija datata 5 ta' Mejju 2023. F'din il-korrispondenza ġejna nfurmati li minħabba li l-Kunsill baqa ma nfurmax lid-dipartiment dwar l-attivita' kulturali li kellha ssir fis-sena 2022, ma kienx baqalu triq oħra ħlief li jiskatta l-proċess sabiex il-kunsill jħallas lura l-fondi li kienu diġa għaddew lill-kunsill għal din l-attivita'. Wara korrispondenza li saret f'dawn il-jumejn bejn il-kunsill u d-dipartiment lokali, llum ġiet msejħa din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-kunsill jiddiskuti u jiddeċiedi dwar skema kulturali alternattiva u tali proposta tintbgħat lid-dipartiment għal kunsiderazzjoni tagħhom minnufih.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-proposta għandha tkun għall-attivita kulturali relatata ma 'Lejla Għawdxija'. Permezz ta' din l-attivita' mhux biss se nkunu qed nagħtu spinta lit-talent lokali imma wkoll noffru tieqa ta' opportunita' sabiex kull min iżur din l-attivita' jkun jista japprezza xogħolijiet u talenti li jibqgħu magħrufin għalina l-Għawdxin. Din l-attivita' se tkun imżejna wkoll b'diversi attivitajiet sew għat-tfal kif ukoll oħrajn informattivi u edukattivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat estimi ta' spejjeż relatati ma din l-attivita liema estimi flimkien mat-tibdil fl-attivita' ġew approvati unanimament. Il-Kunsill se jkun qed iressaq it-talba għal tibdil fl-attivita' għal kunsiderazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern lokali.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 66.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-17:00pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal laqgħa b'urġenza oħra li bdiet eżatt wara.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt